# OPRI ĠODDA U RESTAWR

## FIL-KNISJA

Sett ta' 10 ventartali għall-altari tal-ġnub bi drapp Lampasso isfar u b'ward aħmar, li żżanżnu għall-festa tal-Madonna tar-Rużarju f'Ottubru 1999. Dawn ħadu post il-ventartali tas-sekondi festi li kienu għadhom tal-knisja l-qadima, u li issa kienu fi stat ħażin. Sar ukoll il-kanapew tat-tabernaklu mill-istess drapp, u ieħor aħdar, għall-kappella,.

Sett ta' 10 Sopra-tvalji (trieħi) ġodda ħomor, għall-altari tal-ġnub biex jintużaw fis-sekondi festi.

Ġew restawrati jew arġentati ħafna oġġetti:

4 forċini tas-sekondi festi

lasta u kruċetta

6 iqniepen

qanpiena b'ħamsa

baċir (plattin kbir)

il-lampier il-kbir tal-maġġur li hu antik ħafna, u f'idejn l-anġli tqiegħdu tliet brazzi fejn joqgħod il-globu bix-xemgħa. Hekk il-lampier ġie b'erba' fjammi.

żewġ gandlieri tal-konsum li jintużaw fl-altar ta' San Vincenz, nhar San Duminku.

żewġ buqari tal-fidda pariġġ (fidda)

Xiri u arġentatura ta' lampier ġdid. Kull xogħol ta' arġentatura sar għand Cutajar Works Ltd., il-Ħamrun.

Saru ġodda s-sitt brazzi tal-kor (flok it-tubi). Dawn il-brazzi huma tar-ramm bil-globi tal-ħġieġ.

Inxtraw ċensier u navetta ġodda (tal-metall għal kuljum).

Żewġ pavaljuni tad-damask biex jintużaw fis-sekondi festi. Hemm il-ħsieb li jitkomplew għal 10, u hekk ikollna l-pavaljuni fl-arkati kollha, għas-sekondi festi.

Bdil tad-drapp tat-tliet lopop tal-fratellanza tar-Rużarju, u ħjata ta' standard aħmar ġdid, flok il-qadim.

Bdil tas-saqaf, (li sar bil-konkrit) tat-tromba tal-garigor li jwassal għal fuq il-bejt tal-knisja.

Ġiet irregalata sfera tal-fidda, lill-Pirjol, mingħand P. Anġeliku Vella OP. Din ser tibda tintuża għall-barka fit-tridu u fis-sekondi festi. Minn qalbna nroddu ħajr lil P. Anġeliku ta' dan ir-rigal ferm sabiħ lill-knisja tal-Lunzjata, f'għeluq l-40 sena mill-ftuħ u l-konsagrazzjoni tagħha.

Bħalma kulħadd jaf, il-knisja jkollha bżonn it-tindif kontinwu, is-sena kollha. Għalhekk nieħdu l-okkażjoni biex nirringrazzjaw lil dawk li jiġu jnaddfu l-knisja s-sena kollha, fosthom is-Sinjuri Esthelle Farrugia, Maria Camilleri Scicluna, Maria Camilleri Farrugia, Doris Debattista, u magħhom qabel il-festi, is-Sinjuri Katie Attard, Jessie Aquilina, Miriam Balzan u oħrajn.

Madanakollu ma nistgħux ma nsemmux lis-Sur Tarcisio Portelli, li kuljum tul is-sena, jieħu ħsieb iżomm il-Knisja tal-Lunzjata pinna. Barra mit-tindif ta' l-għamara tal-knisja u s-sagristija, jieħu ħsieb inaddaf ir-ramm kollu u l-fidda kollha, skond il-bżonn. L-ebda grazzi ma hija biżżejjed għax-xogħol u l-impenn tiegħu fil-knisja.

Qabel semmejna ħafna xogħol ta' ħjata li bħas-soltu sar mis-Sinjuri: Esthelle Farrugia, Carmen Parascandalo, Marija Camilleri, Katie Attard, Doris Debattista, Lydia Bugeja, Carmen Scicluna, Grace Gatt, Maria Teresa Azzopardi u Louise Avellino taħt it-tmexxija tal-Pirjol P. Michael M. Camilleri OP. Barra dan, uħud minn nisa tul is-sena jaħslu trieħi, purifikaturi, korporali, albi u oġġetti oħra li nużaw fil-liturġija.

Irridu nsemmu wkoll lil dawk l-irġiel kollha li tul is-sena liturġika, jiġu jarmaw u jżarmaw l-armar meħtieġ għal kull festa li tiġi, dejjem akkumpanjati mill-Pirjol, li huwa s-sagristan tal-knisja.

Ma rridux inħallu barra lil dawk li jagħtu sehemhom fil-*printing* jew *typing*, b'mod speċjali lis-Sinjorina Anna Grech li din is-sena ittajpjat erba' kotba li ġew ippreparati mill-Pirjol, wieħed għal Ħamis ix-Xirka, ieħor għall-Ġimgħa l-Kbira, ieħor għal Sibt il-Għid u għall-festa nżanżnu

ieħor għall-funzjonijiet ta' San Duminku.

## FIL-KAŻIN

Inxtraw 30 leġiju għall-Banda. Dawn il-leġiji huma komdi ħafna għal meta l-Banda tmur tagħmel xi programm barra mill-Birgu peres li jiżżarmaw u jiġu żgħar ħafna. Dawn il-leġiji żżanżnu fil-programm tal-millennju fil-Kulleġġ De La Salle.

Sar ibbanjar bil-fidda tal-kruċċetta ta' l-istandard tal-Prince of Wales Own li nużaw meta l-Banda tmur iddoqq barra mill-Birgu.

P. Ġorġ Grech O.P. Direttur tal-Kumpanija Dumnikana Delfini Ferrieħa (I Piccolissimi), irregala ċimblu lill-Banda Prince of Wales Own.

## BARRA

Sett ta' 6 pavaljuni għal triq La Valette li ġew iddisinjati minn Albert Borda, tfasslu u tpinġew minn Ronald Attard u nħietu minn Doreen Elsworth. Uħud minnhom ġew sfumati mill-istess Albert Borda

Albert Borda wkoll iddisinja u sfuma pavaljun għal wieħed mill-iskontri ta' Misraħ ir-Rebħa li bħall-oħrajn tfassal u tpinġa minn Ronald Attard u nħiet minn Doreen Elsworth. Ruth Zammit għamlet l-iskrizzjoni li nżebgħet minn Ġużi Lagana'.

5 pavaljuni għal triq San Ġorġ li nħietu minn Doreen Elsworth u Estelle Farrugia wara li tfasslu u tpinġew ukoll minn Ronald Attard fuq id-disinn ta' Albert Borda li sfuma 2 minnhom.

2 kolonni tat-trofej għal Misraħ ir-Rebħa disinn u xogħol ta' John Galea megħjun minn Ġużeppi Zarb u Ġużi Mifsud.

2 bandalori għat-trofej imsemmija ta' Misraħ ir-Rebħa li tfasslu, tpinġew u nħietu minn Ronald Attard u Doris Debattista rispettivament. Id-disinn u l-isfumar tagħhom sar minn Albert Borda. L-iskrizzjoni ta' fuqhom saret u nżebgħet minn Ġużi Lagana'.

10 pavaljuni tad-dawl elettriku u 10 arbli tal-ħadid magħhom għal Misraħ ir-Rebħa. Ix-xogħol kemm tal-ħadid kif ukoll tad-dawl sar minn John Galea, Joseph Tabone, Ġużi Mifsud, Paul Farrugia, John Galea (Jr.), Roderick Galea u Sandro Agius.

Saret liedna tal-plastik aħdar għal triq il-Mina l-Kbira xogħol ta' Paul Farrugia u Ronald Attard.

Il-festuni kollha ta' l-arblu l-kbir u diversi arbli oħra, ġew magħmula minn Joseph Tabone, Mark u Matthew Scicluna, John Galea (Jr.), Jeffrey Elsworth u Vince Pace.

Manutenzjoni u żebgħa taz-zukklaturi tal-kolonnar kollu sar minn Mario Camilleri.

2 bandieri għal triq Boffa bl-emblemi ta' Ġwanna ta' Aza u Feliċ ta' Gusman disinn ta' Albert Borda u ħjata ta' Doreen Elsworth.

2 statwi għal triq il-Mina l-Kbira li jkomplu s-sett ta' qaddisin Dumnikani. Dawn kellhom ikunu lesti s-sena l-oħra. Jirrappreżentaw lill-Papa San Piju V u 'l-Santa Margerita ta' L-Ungerijaġ huma xogħol Michael Camilleri Cauchi.

Xogħlijiet ta' drapp għall-festi ta' postijiet oħra li l-qliegħ minnhom mar b'risq il-festa tagħna. Dan ix-xogħol sar mill-istess Doreen Elsworth, Albert Borda u Ronald Attard.

Ħajr lil dawk kollha li għalkemm m'humiex imsemmija hawn fuq, taw is-sehem tagħhom biex jerġa' jkollna sena ta' ħidma kontinwa li tat il-frott tagħha.

Fl-aħħar iżda mhux l-inqas ta' min wieħed jgħid, li, dan ix-xogħol kollu hawn fuq imsemmi, kien dejjem taħt is-superviżjoni kontinwa tas-Sur Ċensu Demanuele. Għalhekk minn hawn nirringrazzjawh tax-xogħol kontinwu li huwa jagħmel matul is-sena kollha, b'risq l-Opri Ġodda.